**Laqgha Numru 18/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 20 ta' Lulju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava **(li wasal fil-5.45pm)**, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat. **(Ara dok. A)**

Ghal parti mill-laqgha kienet prezenti wkoll l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-12 ta' Lulju 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2011.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2011.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2011.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Rapport finanzjarju April – Gunju 2011.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 16/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta’ l-agenda biex item 11 jigi diskuss qabel item 2.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Rapport finanzjarju April – Gunju 2011.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill b’kopja tar-rapport finanzjarju ghall-perjodu April – Gunju 2011 kif ippreparat mill-accountant tal-Kunsill. **(Ara dok. B)**

***11.02. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.45pm.***

11.03. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taghti spjegazzjoni tar-rapport.

11.04. Wara xi mistoqsijiet, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

11.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

***11.07. Fil-5.50pm is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant u talaba tirtira.***

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2011.

**46/3067/11/I** 17/05/2011 Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-koperazzjoni li sab sabiex saret il-fiera tal-kampijiet u talab sabiex il-Kunsill jinfurmah meta ghandu l-hsieb li jaghmel l-attivita' ghaz-zghazagh.

2.01. B’riferenza ghall-**Minuti 16/K6/2011** item 2.01, ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 6.13 u ghall-korrispondenza numru **46/3067/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ghandu jsib data halli tigi organizzata din l-attivita’, is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-attivita’ ghandha ssir f’xi granet bejn is-7 u s-16 ta’ Settembru 2011.

2.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. B’riferenza ghall-**Minuti 16/K6/2011** item 2.03, ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 10.12 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex jekk jippermettu l-finanzi tal-Kunsill, fi Triq Sir Luigi Preziosi, ghandhom jitnehhew is-sigar u l-hamrija u jersaq il-hajt sabiex jikber il-parkegg minhabba li m’hemmx bizzejjed spazju fejn jirriversjaw il-vetturi, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol isir skond il-budget u l-finanzi li jkollu disponibbli l-Kunsill aktar il-quddiem, il-kelliem qal li l-Kunsill fil-prezent talab il-permess tal-MEPA biex jinqalghu s-sigar li hemm.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2011.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 17/K6/2011 kifypprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2011.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 058/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 16/K6/2011 u 18/K6/2011 **(Ara dok. C); Internal Memo 059/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 16/K6/2011 u 18/K6/2011 **(Ara dok. D) u** Flyer konness ma' l-attivita' li ser issir ghal Kemmuna **(Ara dok. E)**

5.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkummentat li ghal-laqgha li saret ma' ta' l-EF, il-prassi tal-Kunsill dejjem kienet li d-data tigi ffissata minn min ikun responsabbli mid-dikasteru rispettat. Il-kelliema qalet li hija, hija responsabbli mill-Edukazzjoni u kellha tkun ikkonsultata qabel saret il-laqgha.

5.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li bhal ma dejjem kienet il-prassi laqghat koncernata ghandhom jissejhu mill-persuna li jkun responsabbli mid-dikasteru partikulari. Il-kelliem qal li dan kien kaz urgenti u kien ghalhekk li talab l'issir il-laqgha mill-aktar fiss possibbli.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li waqt li kien ghall-ftuh ta' l-Ambaxxata l-gdida Amerikana, gie rrakkomandat minn Ms. Mary Louise Azzopardi li hija d-Direttrici l-gdida, li l-Kunsill ghandu jaghmel zjara lill-facilitajiet ta' audio visual u l-librerija ta' l-Ambaxxata.

6.03. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel din iz-zjara kulturali u edukattiva f'Settembru li gej.

6.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ladarba jilhaq Ambaxxatur gdid, il-Kunsill ghandu jibghatlu ittra t'awgurju.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-6 u l-20 ta' Lulju 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4218/11/I** 04/07/2011 **46/4401/11/I** 13/07/201 Email minghand is-sur Ernst Westphal jinforma lill-Kunsill li dwar it-thawwil ta' xitel/sigar l-ewwel pass ghandu jkun li jinstab sit kbir bizzejjed u wara jigi deciz jingabrux zrieragh mill-lokal stess jew jinxtraw xitel biex jinzerghu.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4218/11/I u 46/4401/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sinjur ghandu jigi nfurmat li bhalissa l-Kunsill qed jahdem fuq it-twaqqif ta' Mixtla u ladarba dan ikun konkluz, isir komunikat mieghu ghal xi proposti li jista' jkun hemm.

8.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4264/11/I** 06/07/2011 Email mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jiddiskutu postijiet fejn jistghu ipoggu red palm weevil traps gewwa l-lokalita' sabiex jigu protetti aktar il-palm.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4264/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex din il-laqgha ssir kemm jista' jkun malajr.

8.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4278/11/I** 07/07/2011 **46/4511/11/I** 20/07/2011 Email minghand Ian Fitzpatrick jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill dwar il-possibilita' li l-NGO Equine Rescue Malta (aka Funny Farm) jorganizzaw fund raising activity fil-lokal, liema attivita' hemm il-hsieb l'issir f'nofs Settembru u tinkludi re-enactment ta' zmien il-kavallieri.

8.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4278/11/I u 46/4511/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba. Il-kelliem zied li l-Kunsill ghandu minn qabel jigi nfurmat b'min ser jibbenefika mill-fondi li ser jingabru kif ukoll li l-organizzaturi ghandhom jigu mitluba jhallsu l-permessi necessarja.

8.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4282/11/I** 07/07/2011 Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmaw lill-Kunsill li approvaw li ssir lampa fi Triq il-Kurunell Cocks sabiex tehel mal-hajt.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4282/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dan ix-xoghol issir jekk baqa' finanzi taht dan il-vot jew jekk jidhlu fondi surplus mis-sistema ta' l-LES.

8.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li m'hemmx fondi bizzejjed.

**46/4289/11/I** 07/07/2011 Progett li ghamel l-istudent u resident, Isaac Camenzuli rigward il-lokalita' ta' Pembroke.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4289/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghti prosit lil dan l-istudent li ghamel dan il-progett u jinghata certifikat kif ukoll ktieb li ma jiswiex aktar minn €10.00 bhala gharfien tax-xoghol li ghamel.

8.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4295/11/I** 08/07/2011 Email minghand l-Ing. Patrick Gauci jitlob lill-Kunsill biex ghas-spejjez tal-Kunsill isir Traffic Impact Assessment, xi haga li qal li xtaqu li kieku ghamlet it-TM.

8.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4295/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward din it-talba inkitbet ittra lid-Direttur (46/4366/11/I) biex jigwida lill-Kunsill jekk il-Kunsill ghas-spejjez tieghu jistax jaghmel dak mitlub. Il-kelliem qal l'intant jekk il-Kunsill sa gimgha ohra ma jinghatax twegiba minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, ippropona biex il-Kunsill jilhaq ilaqqa' kemm jista' jkun malajr lill-Perit tal-Kunsill kif ukoll lill-Avukat biex il-Kunsill ikollu gwida kemm legali kif ukoll professjonali kif il-Kunsill jista' jaghmel dan ix-xoghol mitlub mir-residenti u sussegwentament tohrog sejha biex isir traffic Impact Assessment.

8.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u qalet li dan qed isir biex il-Kunsill ikun qed jaghmel l-almu kollu li jista' jaghmel f'dan ir-rigward.

8.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4296/11/I** 08/07/2011 Memo 60/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema EGOV4U ghall-Kunsilli Lokali, liema skema min jintghazel ser jinghata grant ta' €5,000 li jkopri 62.5% ta' l-ispiza bil-kumplament ikun irid jigi ffinanzjat mill-Kunsill.

8.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4296/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'din l-iskema.

8.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-progett jesigi li l-kofinanzjament isir mill-Kunsill, liema fondi l-Kunsill prezentament m'ghandux mahsub ghalihom.

8.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-fondi ghal din l-inizjattiva ghandhom jigu mitluba lill-Kumitat Regjonali.

8.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4309/11/I** Ittra minghand l-Enemalta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 24 ta'

08/07/2011 Gunju nformaw lill-Kunsill li ser japplikaw mal-MEPA ghall-iskavar tal-mina u wara s-sit ser ikun riabilitat ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill, wara li jsiru aktar diskussjonijiet ma' min hu koncernat.

8.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4309/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistaqsi lill-Korporazzjoni Enemalta meta ser issir il-press conference biex issir promozzjoni ta' dan il-progett kif kien miftiehem.

8.29. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4315/11/I** 11/07/2011 Email minghand id-delegat ta' Montpellier jitlob li jkun jaf min u kemm ser jattendu partecipanti ghall-isteering meeting li ser isir bejn it-12 u 13 ta' Ottubru dwar il-progett MEDSTRATEGY.

8.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4315/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u ser tigi diskussa f'laqgha ohra.

**46/4359/11/I** 11/07/2011 Email minghand l-Agenzija Zghazagh dwar il-holqien ta' Kunsill Lokali Zghazagh.

8.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4359/11/I** il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva.

8.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4368/11/I** 11/07/2011 Memo 61/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar tahrig fuq ICT lill-membri tal-Kunsill. Id-data ta' l-gheluq 25/07/2011. Min jibbukja u ma jattendix jintalab hlas ta' €20 bhala penali.

8.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4368/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.36. Hadd mill-Kunsilliera prezenti ma wera nteress li jattendi.

**46/4383/11/I** 12/07/2011 **46/4424/11/I** 14/07/2011 Petizzjoni mir-residenti ta' Sit A rigward l-irwejjah insapportabbli tad-dranagg li qed ikun hemm.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4383/11/I u 46/4424/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien informa lill-WSC Drainage Section (Inginier Ronald Pace) fejn dan informa lill-Kunsill dwar x'ser isir minnaha tal-WSC. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex kopja tar-risposta li rcieva l-Kunsill tintbaghat lir-residenti koncernata.

8.38. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4385/11/I** 12/07/2011 Kwotazzjoni minghand il-Captain Morgan ghall-gurnata Kemmuna bid-dghajsa – Prezz inkluz l-ikel huwa Kbar €20 u tfal €10, trasport mhux inkluz.

8.40. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4385/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4399/11/I** 13/07/2011 Ittra minghand id-Direttorat ghat-Tmexxija tal-Propjeta’ fejn baghtu reminder sabiex il-Kunsill jibghat 3 kopji tal-pjanti approvati mill-MEPA rigward il-hajt bejn il-Kunsill u l-Verdala International School.

8.41. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4399/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprovdi kopja tal-pjanti kif mitlub. Il-kelliem ippropona wkoll li terga’ tinkiteb ittra ta’ ringrazzjament lill-Onor. Ministru George Pullicino issa li beda x-xoghol.

8.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4409/11/I** 13/07/2011 Email minghand l-AKL jistaqsu lill-Kunsilli jekk sarx ir-reinstatement skond kif mitluba mill-AKL u l-WSC kif ukoll jekk il-Kunsilli humiex isibu problemi biex isibu kuntratturi li ma jahdmux bil-prezzijiet indikata.

8.44. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4409/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-AKL kienu qed jitolbu twegiba. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li ladarba l-Kunsill kien fi process li johrog tenders godda, kienx ghaqli li tiddahhal klawsola li l-kuntrattur jintrabat li jaghmel ix-xoghol konness mal-WSC bir-rati stabbiliti mill-istess Korporazzjoni.

8.46. Fid-dawl ta’ dan, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-AKL tigi nfurmata li ser jinhareg kuntratt gdid kif ukoll li ghandha tizdied klawsola kif issuggerit mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4439/11/I** 14/07/2011 Email minghand il-Mediterranean Insurance Brokers jinfurmaw lill-Kunsill li wasal iz-zmien li tiggedded il-polza ta’ l-assigurazzjoni.

8.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4439/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-assigurazzjoni tigi mgedda sa l-ahhar tas-sena sabiex tigi taghlaq mas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

8.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4445/11/I** 14/07/2011 Email minghand Ms Paula Attard tal-EF tinforma lill-Kunsill li fil-laqgha li jkollhom mal-Leaders se tinfurmahom biex meta jaqsmu it-triq ikunu fi grupp mal-leaders u qed tahdem fuq pjanta gdida biex tinforma lill-host families bil-pick up and departure points kif issugerit fil-laqgha maghhom li saret fil-Kunsill u li dan il-post ser ikun il-parking area quddiem il-grawnd il-gdid tal-Pembroke Athleta.

8.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4445/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret laqgha maz-zewg rapprezentanti ta’ l-EF fejn gew offruti l-possibilita’ li jibdew juzaw iz-zona ta’ biswit il-facilitajiet ta’ Pembroke Athleta u

mhux Pjazza Nazju Falzon biex ma jkunux t'inkonvenjent ghar-residenti. Il-kelliem qal li din ir-rikjesta saret wara diversi lmenti l'ircieva l-Kunsill minghand residenti ta' din iz-zona. Il-kelliem qal ukoll li l-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli kien infurmah li ma setghax jattendi ghal din il-laqgha minhabba mpenji familjari.

8.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova dan is-sit bhala reference point.

8.54. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4447/11/I** 14/07/2011 Email minghand l-Overseas Rugby Union Football Club rigward attivitajiet li jixtiequ isiru flimkien mal-Kunsill u talbu jiltaqghu mal-Kunsill ghad-diskussjoni ta' dawn il-hsibijiet.

8.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4447/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir din il-laqgha biex jigi diskuss maghhom programm u jigu konkluza l-attivitajiet proposti minn dan il-klabb kif ukoll x'inizjattivi jistghu isiru minnaha tal-Kunsill.

8.57. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li huwa mportanti li l-Kunsill ma jonfoq xejn ghall-programm propost.

**46/4466/11/I** 15/07/2011 Email minghand il-MEPA tinforma lill-Kunsill li l-fond ta' l-Urban Improvement Fund jammonta ghal €16,981.14 ghal progetti li huma jew kienu approvati bejn il-MEPA u l-Kunsill.

8.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4466/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4474/11/I** 18/07/2011 Email mill-AKL titlob lill-Kunsilli jinnominaw persuna wahda ghall-konferenza gewwa l-Italja f'Settembru rigward Energija Alternattiva. L-applikazzjoni taghlaq fil-5 ta' Awwissu u tinforma li dawk il-Kunsilli membri tal-Covenant of Mayors japplikaw u jinghataw preferenza fuq l-ohrajn. Il-Kunsill ihallas biss il-biljett ta' l-ajru. L-ispejjez l-ohra isiru minnaha Taljana.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4474/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiehdu sehem ghal din il-konferenza u jkun innominat huwa bhala Sindku. Il-kelliem qal li jekk jintghazel huwa kien lest li jhallas il-biljett personalment.

8.62. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat basta l-Kunsill ma johrog ebda fondi.

8.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4496/11/I** 19/07/2011 Rapport minghand l-Accountant Romina Perici Ferrante b'5 year cash flow dwar il-progetti MED kif mitlub mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4496/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif sottomess. **(Ara dok. F)**

8.65. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4497/11/I** 19/07/2011 — Email minghand il-librara Lara Calleja tinforma lill-Kunsill b'xi kotba li ser jitnehhew u ohrajn godda li ser jinxtraw kif ukoll qed titlob jekk huwiex possibbli li jinxtara aktar xkaffar.

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4497/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li d-Dipartiment ghandu jintalab jipprovdi stima ghall-ixkaffar kif ukoll li l-librara ghandha tigi nfurmata li l-Kunsill qed jesigi li l-kotba large print ma jitnehhewx.

8.68. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4504/11/I** 19/07/2011 — Memo 63/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament ta' Progetti Specjali f'Lokalitajiet Zghar fejn il-Gvern qed joffri li jaghti sa massimu ta' 50% ta' l-ispiza.

8.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4504/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika ghal din l-iskema biex issir giebja kbira taht ir-roundabout li saret gdida quddiem il-Kunsill. Il-kelliem qal li ghandu jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll jipprovdi stima.

8.71. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4503/11/I** 19/07/2011 — Email minghand il-Luxol Sports Club jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex minghajr ebda pretenzjoni jiehdu hsieb il-bicca art li hemm biswit il-gym ta' Triq Tobruk.

8.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4503/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba sakemm tkun minghajr ebda pretenzjoni.

8.74. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4509/11/I** 19/07/2011 — Stima minghand J&K Contractors ghall-Gnien ta' St. Patricks.

8.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4509/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-istima ghandha tintbaghat ghall-verifika tal-Perit tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li sezzjoni 2 mhux ser issir minhabba li mhux koperat bil-kuntratt tal-J&K Contractors. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk kemm il-darba l-Perit japprova din l-istima, il-Kunsill ghandu johrog il-works order lill-J&K Contractors.

8.77. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu tqassmu l-leaflets kif kien approvat fil-laqgha b'urgenza ghall-attivita' li taghlaq nhar il-Gimgha 22 ta' Lulju ghall-harga bil-vapur u ghawma f'Kemmuna. Il-kelliem qal li minhabba li l-haddiem assenjat mal-Kunsill mill-ETC kien indispost, huwa kien ta struzzjonijiet biex tqabdet il-kumpanija 3D biex tqassmu l-flyers. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din id-direct order.

10.02. Hadd ma ssekonda din il-proposta.

10.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li din kienet azzjoni kontra l-ligi minhabba li s-Sindku mhux awtorizzat li johrog Direct Orders.

10.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l-urgenza li kien hemm hass li seta' jerfa' r-responsabilita' ta' dak li ghamel u ma jara li sar xejn hazin. Il-kelliem talab li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinforma lid-Dipartiment b'dak li gara.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li b'effett minn issa l-quddiem il-Kunsill ghandu jigbor kwotazzjonijiet ghal tqassim ta' leaflets door to door.

10.06. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat ghad-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha tal-Kunsill riferenza 16/K6/2011 item 12.02 dwar vot fejn il-Kunsill approva li jkun hemm tnaqqis ta' 10% mill-kont tas-sur Shawn Farrugia. Il-kelliema gibdet l-attenzjoni li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda li jsir dan it-tnaqqis meta fil-passat kien hemm drabi fejn astjena mill-vot minhabba li huh jahdem ma' Shawn Farrugia. Il-kelliema staqsiet jekk huwiex issa li qed ikun hemm ilmenti fuq it-thawwil tal-fjuri meta l-kuntrattur ilu 6 snin b'kuntratt mal-Kunsill, fejn sa ftit tax-xhur ilu r-responsabilita' ta' dan ix-xoghol kienet parti mid-dikasteru tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliema staqsiet x'relazzjoni familjari jista' hemm bejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-kuntrattur Shawn Farrugia.

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. G, H, I u J)**

12.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tal-WasteServ fejn qal li ghandu jithallas biss il-porzjon skond l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill ircieva minghand il-Gvern kif ukoll ghajr ta' 3D sakemm il-Kunsill jircievi direzzjoni minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

12.04. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rreferiet ghall-istqarrija mahruga mill-AKL lill-familja Fenech Adami b'rispett tal-mewt tas-Sinjura Fenech Adami fejn il-Kunsilliera gew

mhollija barra mill-istqarrija. Il-kelliema stqarret li r-risposta li rcieva l-Kunsill minghand l-AKL wara li ngibdet l-attenzjoni mill-Kunsill, mhux accettabbli u pproponiet li kopja tat-talba tal-Kunsill kif ukoll ir-risposta ta' l-AKL ghandhom jintbaghtu lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said, KKPN (Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista), Dipartiment ghall-Gvern Lokali, SKPL (Sezzjoni Kunsilliera Partit Laburista), AKL. Il-kelliema rrimarkat ukoll li wara dawn il-jiem kollha, hija ghadha qed tistenna apologija minghand l-AKL.

13.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab direzzjoni minghand il-Kunsill jekk u meta se jkun iffirmat il-kuntratt tal-palm u fuq liema palm ser tinhareg il-works order. Il-kelliem ifakkar lill-Kunsill li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien approva sa massimu ta' €1,016.00 biex jintuzaw mir-'Ring Fenced' (46/3586/11/I).

13.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser issir spezzjoni sabiex tkun tista' tinhareg il-works order. Il-kelliem ippropona wkoll li jigu ffirmata l-kuntratti rispettivi u ladarba ssir l-ispezzjoni jinhargu l-works orders relatata.

13.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-provvista ta' envelops waslet biex tispicca u ghalhekk talab il-permess tal-Kunsill biex ikun jista' jigbor il-kwotazzjonijiet necessarja.

13.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg sejha pubblika.

13.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm hafna dawl maqtugh f'Sit B u hemm bzonn li jinbidel.

13.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jinxtara l-materjal li hemm bzonn biex dawn jinbidlu.

13.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li tixtieq turi d-dizappunt, dispjacir u l-purkerija ghal dak li skond hija sar waqt l-attivita' ta' Jum Pembroke. Il-kelliema qalet li huma hamsa l-Kunsilliera li jirraprezentaw il-lokal u mhux is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat biss. Il-kelliema qalet li hija u l-kollega taghha fi hdan il-PN ma gewx ikkalkulata fejn irrimarkat li sahansitra lanqas biss intalbu jaghmlu l-prezentazzjonijiet tat-tifkiriet li tqassmu fosthom dawk konnessa ma' l-edukazzjoni, xi haga li huwa parti mid-dikasteru taghha. Il-kelliema sahqet ukoll li dan kien ta' disrispett lejn il-Kunsilliera tal-PN fejn gew meqjusa qishom ma jezistux. Finalment il-kelliema rrimarkat li dak kollu li ntefaq waqt l-attivita', sar bl-approvazzjoni tal-Kunsill u minn flus il-poplu. Il-kelliema talbet li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandu jigi nfurmat b'dan.

13.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma kienx jaf minn qabel l'apparti s-Sindku Joe Zammit kien ser ikun hemm xi persuni ohra li jaghmlu xi prezentazzjonijiet.

13.18. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-atleti tal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika l'irrapprezentaw lil Malta fix-xhur li ghaddew u kisbu x'unur, ghandhom jinghataw midalja u certifikat ta' rikonoxximent. Il-kelliem qal li s-soltu dan isir waqt Jum Pembroke, izda din is-sena dawn thallew barra bi zvista.

13.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li qabel jinghataw it-tifkiriet, is-sur Victor Camilleri ta' Pembroke Athletics ghandu jintalab biex ir-rakkomandazzjoni tieghu jerga' jibghata ndirizzata lill-Kunsill kollu u mhux lis-Sindku Joe Zammit, Iill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u Iis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biss.

13.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ghall-laqgha li jmiss tal-Kunsill tkun skuzata minhabba li ser tkun barra minn Malta.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.15pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 10 ta' Awwissu 2011 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |